Vol 35
Nru 186
Ottubru - Diċembru 2014

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2014

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Basilika Dormitio Mariae*

# Werrej



6



16



24



29

6 Storja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa
Il-Franġiskani jitkeċċew miċ-Ċenaklu (1551)

16 San Ġwann il-Battista
Il-Prekursur tal-Ħaruf ta' Alla

24 In-Natura tas-Sagrifiċċju (4)

29 L-Anġli fil-Ħajja ta' Ġesù

35 1 ĠW 4,7-12 – Alla huwa mħabba (1)



35

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Fundamentaliżmu Islamiku

Matul dawn l-aħħar xhur inħsadna bl-aħbarijiet ta' gwerer u terroriżmu li qed iseħħu fis-Sirja u l-Iraq minn elementi estremisti Islamiċi li sejħu lilhom infushom ISIL (Islamic State of Iraq and the Levant) jew ISIS (Islamic State of Iraq and Syria). F'daqqa waħda d-dinja donnha qamet għal ħolma kerha li fiha rat estremisti Islamiċi jaqtgħu l-irjus ta' ġurnalisti barranin b'metodi barbari li jkexkxu, ikeċċu eluf ta' Kristjani mis-Sirja u ta' Musulmani ta' diversi gruppi differenti mis-Sunniti mill-Kurdistan, jokkupaw raffinariji taż-żejt u jiġbru miljuni ta' dollari mill-bejgħ tiegħu u mill-alleati tagħhom f'pajjiżi Għarab, u jgħaqqdu magħhom eluf ta' simpatizzanti li ġew mill-Ewropa ħalli jiġġieldu l-gwerra qaddisa favur l-Islam.

It-tweġiba politika għal din il-problema kienet waħda ambigwa għall-aħħar. L-Istati Uniti u l-Ewropa, flimkien ma' alleati oħrajn, wieġbu bil-bumbardamenti ta' postazzjonijiet ta' dawn l-estremisti, imma ma għamlu kważi xejn biex jiddefendu l-popolazzjoni fis-Sirja u l-Kurdistan maħruba u mkeċċija minn djarha. L-istess pajjiżi tal-punent ma għamlu xejn biex jiddefendu l-preżenza ta' Kristjani f'dawn il-pajjiżi, li hi millenarja u antikissima, bir-riżultat li l-Kristjaneżimu għoddu sparixxa mis-Sirja u l-Iraq. Inħatfu missjunarji, fosthom il-Franġiskan Patri Hanna Jallouf, membru tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u kappillan tal-parroċċa Franġiskana tar-raħal Kristjan ta' Knayeh fis-Sirja. Uħud minn



*...editorjal*

*Fundamentaliżmu Islamiku*

dawn il-missjunarji ġew maqtula.

Minħabba interessi politiċi maħmuġa u diżonesti rajna l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea indeċiżi x'jaqbdu jagħmlu quddiem il-politika ambigwa ta' Recep Tayyip Erdogan, il-President tat-Turkija, li għalkemm alleat mal-punent għax pajjiżu membru tan-N.A.T.O., imma jmexxi gvern Islamiku f'pajjiż li suppost hu sekulari. Dan l-aħħar sa wasal li sostna li l-Amerika ma kixifhiex Cristoforo Colombo fl-1492, imma li "baħħara Musulmani waslu l-Amerika fl-1178" u Colombo qal li sab moskea f'Kuba! Mill-banda l-waħda t-Turkija laqgħet ir-rifuġjati Kristjani u Kurdi li ħarbu mis-Sirja u l-Iraq, imma żammithom bil-qawwa militari milli jmorru jiddefendu arthom kontra l-ISIL billi jibagħtu militanti ħa jaqsmu l-fruntiera.

L-istess ħaġa qed tiġri fil-politika tal-punent rigward il-President Russu Vladimir Putin, li minħabba l-kriżi fl-Ukrajna issa jinsab imbiegħed sew mill-kollaborazzjoni mal-pajjiżi tal-punent u jappoġġja bl-armi lil dawk il-pajjiżi fejn hemm inkwiet, inklużi l-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u speċjalment il-gvern ta' Bashar al-Assad fis-Sirja.

F'ħafna pajjiżi oħrajn Għarab hemm tensjoni u vojt ta' poter. Eżempju tipiku hu l-Libja, fejn il-milizjani ribelli qed jikkontrollaw l-ajruport u l-istallazzjonijiet taż-żejt, u l-gvern hu prattikament ineżistenti u jikkontrolla biss biċċa ċkejkna mill-pajjiż.

Fl-Afrika hemm elementi estremisti Islamiċi li jiżirgħu terrur u taħwid, fosthom Boko Haram ("edukazzjoni tal-punent projbita"), li ħataf gruppi ta' tfajliet mill-iskejjel u biegħhom bħala skjavi. Il-lista tista' tibqa' sejra...

Is-sitwazzjoni politika dinjija hi ċertament imwiegħra. Il-problema hi li l-pajjiżi hekk imsejħa ċivilizzati donnhom ftit għandhom qawwa biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Il-periklu hu serju, għax kien proprju minn dawn il-pajjiżi hekk imsejħa ċivilizzati li telqu eluf ta' terroristi Islamiċi li kienu daħlu biex jgħixu f'Ewropa li tiddikjara lilha nnifisha ħielsa u sekulari! Dan ifisser li fl-Ewropa hemm biss post għal min jiġġieled bil-qawwa għad-drittijiet tiegħu bħala minoranza (Islamika, jew "gay", jew ta' elf tip ieħor) basta li tiskot u titmewwet l-idea li xi darba l-Ewropa twieldet bħala kontinent ta' dinjità umana bbażata fuq il-Kristjaneżimu. Anzi, kull sinjal ta' Kristjanità hu projbit u ppersegwitat b'mod selvaġġ, akkost li jispikkaw kull tip ta'

fundamentaliżmu politiku, kulturali u ideoloġiku, u jiġu promossi dawk kollha li jridu jkunu "differenti" fuq bażi militanti. Ir-riżultat ikrah narawh b'għajnejna f'ħafna pajjiżi, li fihom nibtu elementi ta' "xenofobia" (mibegħda lejn ir-razez diversi) kontra l-immigrazzjoni ta' massa, li spiċċaw ukoll f'manifestazzjonijiet vjolenti. Mill-ġdid eżempju ieħor ta' fundamentaliżmu…

Fl-Art Imqaddsa s-sitwazzjoni tinsab taħt kontroll politiku u militari qawwi, imma tidher ċara sitwazzjoni ta' *stalemate* li ma tawgura xejn tajjeb għall-futur. Għax jekk l-Istat ta' Israel, alleat mal-Istati Uniti, irnexxielu jżomm f'kontroll il-fundamentaliżmu Islamiku (u din hi ħaġa pożittiva fiha nnifisha), imma mhux qed jirrealizza li dan il-kontroll militari ta' okkupazzjoni hu bomba li tista' tisplodi f'kull ħin. Il-metodi ta' repressjoni militari u politika jistgħu jaħdmu, imma sa ċertu punt. Il-fundamentaliżmu Islamiku jista' jhedded ukoll l-Art Imqaddsa, l-aktar jekk jikbru elementi fundamentalisti ta' natura nazzjonalistika min-naħa ta' elementi estremisti Israeljani.

Kien hemm xi politiċi li waslu li qalu li qrobna lejn it-"tielet Intifada". Jekk dan jiġrix fuq skala kbira kif ġara diġà darbtejn oħra jista' jiġi diskuss, għax illum hu veru li Israel irnexxielu jikkontrolla b'mod effikaċi kull att terroristiku. Imma forsi mhux dejjem tingħata importanza għar-rabta li jista' jkun hemm bejn atti terroristiċi li jitwieldu mill-ġlieda ġusta tal-Palestinjani biex jieħdu lura t-territorji li tilfu fl-1967 u elementi ta' fundamentaliżmu Islamiku li jista' jkun l-ispirazzjoni ta' dawn l-atti terroristiċi. Sfortunatament Israel u l-Istati Uniti donnhom ma jridux jammettu li, biex atti ta' terroriżmu Islamiku fundamentalista jiġu mbiegħda, jeħtieġ li tiġi indirizzata l-problema Palestinjana fis-sens ġenwin tagħha, jiġifieri d-dritt li l-Palestinjani jkollhom Stat tagħhom fuq l-artijiet li Israel okkupa fl-1967.

Id-diplomazija internazzjonali trid tifhem li qed ngħixu f'dinja fejn, bil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa, ma hemmx iżjed fruntieri bejn ideoloġija li sserrep fl-Iraq u s-Sirja u dak li jista' jiġri fl-Art Imqaddsa, u saħansitra fl-Ewropa u l-Istati Uniti. Hemm bżonn li l-mexxejja politiċi kollha jifhmu din ir-realtà qabel ma jkun tard wisq, jiġifieri qabel ma l-fundamentaliżmu Islamiku li twieled ukoll grazzi għall-bravura ta' sekolarizzazzjoni forzata fl-Ewropa jinvadi bit-terrur u l-vjolenza l-istess pajjiżi li jiftaħru li huma demokratiċi u ħielsa. Jekk jiġri dan hemm il-periklu li l-unika tweġiba għall-fundamentaliżmu Islamiku tkun dik ta' fundamentaliżmu Lhudi u Kristjan. Jidhirli li din it-tweġiba hi radikalment kontra dak li jemmnu fih il-maġġoranza tal-Lhud, Kristjani u Musulmani. Meta se nqumu mir-raqda ħelwa tagħna li fiha naħsbu li nistgħu nitpaxxew 'il bogħod mill-periklu li qed iħabbat fuq il-bibien ta' djarna?

***Il-Bord Editorjal jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***



# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA IL-FRANĠISKANI JITKEĊĊEW MIĊ-ĊENAKLU (1551)

***Noel Muscat ofm***

Għall-Franġiskani, iċ-Ċenaklu hu meqjus bħala l-ewwel Santwarju li fih huma għexu b'mod stabbli fl-Art Imqaddsa sa mill-1335. Imma l-istorja tal-kunvent tal-Għolja ta' Sijon mhix waħda faċli. L-ebda Santwarju ieħor ma ra taqlib u atti ta' vjolenza daqs dan is-Santwarju li

fih twieldet il-Kustodja tal-Art Imqaddsa fl-1342. L-istorja taċ-Ċenaklu hi marbuta ħaġa waħda mal-istorja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Dan il-post qaddis kellu ħajja qasira meta nqabbluh mal-istorja twila tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Wara li, kif rajna, fra Roger Guérin ħadem biex ir-Re Roberto ta' Anjou u r-Reġina Sancia ta' Majorca jixtru minn buthom iċ-Ċenaklu u jagħtuh lill-Franġiskani, l-istorja tal-patrjiet li marru joqogħdu f'dan il-kunvent wara l-1335 kienet dejjem storja ta' taħbit u qtigħ ta' qalb quddiem il-pretensjonijiet tal-Musulmani u l-Lhud li raw kif għamlu biex jaħtfu ċ-Ċenaklu f'idejhom għax kienu jinsistu li, fiċ-Ċenaklu kien hemm midfun ir-Re David. Kienet din il-konvinzjoni bbażata fuq interpretazzjoni falza tal-istorja li wasslet biex il-Franġiskani, wara ħafna problemi, sfaw imkeċċijin definitivament miċ-Ċenaklu fl-1551 wara 216 sena li fihom kienu għexu f'dan il-post qaddis.

## Il-Franġiskani jirrestawraw iċ-Ċenaklu

Meta l-Franġiskani ħadu l-pussess taċ-Ċenaklu fl-1335 u wara li marru joqogħdu fil-kunvent li r-Reġina Sancia bnitilhom fl-1337, huma mill-ewwel meddew idejhom biex



*Sancia ta' Majorca - Mużew ta' Santa Chiara*



*San Pietru jipprietka f'Għid il-Ħamsin*

jirrestawraw il-post qaddis taċ-Ċenaklu. F'dan il-post huma sabu żewġ sulari. Fis-sular ta' taħt, lejn il-lvant, kien hemm il-kamra li fiha, fi żmien il-Kruċjati twieldet il-leġġenda li kien hemm midfunin David u Salamun, interpretazzjoni żbaljata ta' Atti 2,29. F'epoka Biżantina u Kruċjata xi pellegrini bdew ifittxu fuq l-Għolja ta' Sijon il-Qabar tar-Re David, għaliex huma kienu bdew iħawdu l-Għolja ta' Sijon tal-Lhud mal-Għolja ta' Sijon tal-Insara. Huma kienu jibbażaw dan it-twemmin tagħhom fuq il-kliem li Pietru qal nhar Għid il-Ħamsin meta pprietka proprju qrib iċ-Ċenaklu: "Ħuti, ħalluni ngħidilkom kif inħossha fuq il-patrijarka David: hu miet u kien midfun u l-qabar tiegħu għadu magħna sal-lum"

(Atti 2,29). Maġenb din il-kamra kien hemm ukoll il-Kappella ta' San Tumas, biex tfakkar id-dehra ta' Kristu Rxuxtat lill-Appostli nhar Ħadd il-Għid. Fis-sular ta' isfel kien hemm ukoll il-Kappella ta' San Franġisk, li kienet isservi bħala ambjent li fih il-patrijiet kienu jilqgħu l-pellegrini maġenb il-kunvent ċkejken tagħhom. Fis-sular ta' fuq, sa minn żmien il-Kruċjati kien hemm il-Kamra ta' Fuq, jew iċ-Ċenaklu veru u proprju, il-post tal-Aħħar Ċena. F'dan il-post, f'altar laterali, il-patrijiet kienu poġġew ukoll it-tifkira tal-Ħasil tar-Riġlejn li, fi żmien il-Kruċjati kienet tinsab isfel. Taraġ fir-rokna tal-lbiċ (li għadu jeżisti sal-lum, għalkemm imbarrat) kien jikkomunika l-Kamra ta' Fuq mas-sular ta' isfel. Fuq ix-xaqliba tal-lvant, fejn fi żmien il-Kruċjati kien hemm il-Kamra tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu, il-patrijiet ma setgħu jagħmlu xejn, għax kienet kollha mġarrfa u fl-1289, skont Ricoldo da Montecroce, il-Musulmani kienu bidluha f'Moskea.

L-arkitettura taċ-Ċenaklu kif narawha llum għadha tirrifletti l-ħidma ta' restawr li għamlu l-Franġiskani fis-seklu 14. Il-Kamra ta' Fuq, fil-fatt, mhijiex dik ta' żmien il-Kruċjati, għax jidher li fis-seklu 14 il-Franġiskani reġgħu bnewha kif narawha llum fuq stil gotiku li jixbah ħafna l-arkitettura ta' xi knejjes Latini kontemporanji fi żmien il-familja rjali Lusignan fil-gżira ta' Ċipru. Dan kollu juri li l-Franġiskani setgħu talbu s-servizzi ta' arkitetti li kienu jinsabu f'Ċipru, fejn il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa kienu preżenti.

## Il-bidu tal-inkwiet

L-aktar deskrizzjoni ċara taċ-Ċenaklu, kif kien jidher wara r-restawr li għamlu l-Franġiskani, jagħtihielna Nicolò di Poggibonsi fl-1345. Hu jiddeskrivi f'ċertu dettall il-kumpless kollu tal-Għolja ta' Sijon. Jgħid li sab il-fdalijiet tal-Knisja l-kbira ta' *Hagia Sion*, il-post li fih San Ġwann l-Evanġelista kien jiċċelebra l-Quddiesa għall-Verġni Marija, il-post fejn mietet il-Verġni Marija (*Dormitio Virginis*), il-post fejn l-Appostli għażlu bix-xorti lill-Appostlu Mattija, il-post li fih għexet il-Verġni Marija, il-post fejn l-Appostlu San Ġakbu sar

*Ġesù juri l-pjagi tiegħu lil Tumas*






*Cola di Rienzo - Bust fil-Pincio, Ruma*

l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, il-post fejn kien ġie midfun San Stiefnu fuq l-Għolja ta' Sijon wara li l-fdalijiet tiegħu nġiebu minn Kefar Gamala, il-Qabar ta' David u ta' Salamun fuq l-Għolja Sijon, il-Kappella tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu ("imma llum din hi meqruda għal kollox"), il-Kappella tal-Ħasil tar-Riġlejn, il-Kappella tad-Dehra ta' Kristu Irxuxtat lill-Appostli, il-Kamra ta' Fuq tal-Aħħar Ċena (iċ-Ċenaklu).

Ix-xogħol ta' bini u restawr li l-Franġiskani għamlu fuq l-Għolja Sijon kompla matul is-seklu 14. Fl-1351, Cola di Rienzo, li kien jinsab il-ħabs fi Praga fejn qaflu l-Imperatur Karlu V, talab lid-direttur spiritwali tiegħu Michele di Monte S. Angelo, biex jibgħat karità lill-Franġiskani f'Ġerusalemm li kienu qed jirrestawraw il-post tal-Għolja ta' Sijon. Fl-1352 waħda mara armla minn Firenze, Sofia de Arcangelis, bniet ospizju għall-pellegrini foqra maġenb iċ-Ċenaklu. Maż-żmien dan l-ospizju bdew jieħdu ħsiebu grupp ta' nisa penitenti li kienu jsegwu r-Regola tat-Terz Ordni Franġiskan.

Fl-1365 ir-Re Pietru I ta' Ċipru attakka Lixandra. Din kienet l-okkażjoni biex jibda inkwiet kbir għall-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Is-Sultan tal-Eġittu vvendika ruħu billi ħa lill-Franġiskani kollha miċ-Ċenaklu u qafilhom il-ħabs f'Damasku, fejn mietu. Kien biss wara li reġgħet seħħet il-paċi fl-1370 li l-Franġiskani reġgħu tħallew jidħlu biex jgħixu fuq l-Għolja ta' Sijon. Minn dan il-ħin kien hemm mument ta' paċi. Fl-1377 il-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon sar indipendenti mill-Provinċjal tal-Art Imqaddsa li kien jgħix f'Ċipru, u bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa kien immedjatament suġġett għall-Ministru Ġeneral tal-Ordni. F'dan iż-żmien in-numru ta' patrijiet li kienu fis-servizz fl-Art Imqaddsa u jgħixu fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon kien ta' 20. Minn hemm huma kienu jaqdu wkoll fil-Qabar ta' Kristu u f'Betleħem.

Is-sena 1429 timmarka l-ewwel okkażjoni ta' inkwiet serju għall-Franġiskani fiċ-Ċenaklu. Kienu l-Lhud li bdew jinsistu quddiem l-awtoritajiet Musulmani li l-Franġiskani kienu qed jokkupaw inġustament post qaddis għar-reliġjon Lhudija, minħabba l-fatt li taħt iċ-Ċenaklu kien hemm midfun ir-Re David. Huma kellhom l-iskop li jagħmlu minn dan il-post Sinagoga. Kif soltu jiġri fil-lvant, il-Lhud irnexxielhom jikkorrompu l-awtoritajiet Musulmani b'somom ta' flus, u dawn ħadu l-kamra tal-hekk imsejjaħ Qabar ta' David minn idejn il-Franġiskani, imma fil-fatt bidlu l-post f'Moskea u mhux f'Sinagoga kif riedu l-Lhud. Biex jerġgħu jieħdu lura dan l-ambjent il-patrijiet kienu kostretti jagħmlu rikors quddiem is-Sultan tal-Eġittu, u bl-għajnuna ta' somom kbar ta' flus mill-prinċpijiet Kristjani tal-Ewropa fl-1430 irnexxielhom jakkwistaw lura l-ambjent fejn illum hemm iċ-Ċenotafju tar-Re David. Dan il-ġest wassal għal persekuzzjoni kontra l-Lhud fid-dominji Pontifiċji u fir-Repubblika Veneta, hekk li ġagħluhom iħallsu flus biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara li kienu għamlu lill-patrijiet. Dawn il-flus kellhom jitbagħtu lill-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon. L-istess għamlet Giovanna II, Reġina ta' Napli, fid-dominji tagħha, u binha Ludovico III, Duka ta' Calabria. Fl-1431


*Basilika Dormitio Mariae fuq l-Għolja ta' Sijon Illum*



*Philippe Duka ta' Burgundy*

Mariano da Siena jikteb li reġa' daħal fil-Kamra tal-Qabar ta' David mill-ambjent tal-Kamra tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu, li tinsab eżattament fuqha, u li dak iż-żmien kienet imġarrfa (Girolamo Golubovich, *Biblioteca Bio-Biografica della Terra Santa e dell'Oriente Cristiano*, Nuova Serie – Documenti, Tomo I (1304-1620), *Cronache ovvero Annali della Terra Santa di P. Pietro Veriero di Montepiloso*, Quaracchi 1929, 87).

Fl-1436 il-Franġiskani tal-Għolja ta' Sijon sabu benefattur kbir fil-persuna ta' Philippe, Duka ta' Burgundy (magħruf bħala "it-Tajjeb"), li sa ma miet fl-1467 kien joffrilhom ammont ta' flus kull sena. Fl-1437 hu poġġa vetrata bl-istemma tiegħu fiċ-Ċenaklu. Meta kien Sultan al-Axraf Sayf al-Din Barsabay (1422-1438) il-Franġiskani ppruvaw jibnu l-Kappella tal-Ispirtu s-Santu. Il-patrijiet akkwistaw firmani biex jagħtuhom permess jagħmlu dan, imma fi żmien is-Sultan al-Zahir Sayf al-Din Jaqmaq, f'Lulju 1452 il-Musulmani ħattew il-Kappella tal-Ispirtu s-Santu u reġgħu ħakmu f'idejhom il-Qabar ta' David. Id-Duka ta' Burgundy sa wasal jibgħat kappella tal-injam

minn Franza biex il-patrijiet ipoġġuha fil-post tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu, imma l-permess ma ngħatax. Il-Franġiskani rnexxielhom jerġgħu jibnu l-Kappella tal-Ispirtu s-Santu fl-1462, imma biss biex jarawha tinqered mill-ġdid fl-1468.

Fl-1488-89, bil-permess tal-Emir Daqmaq al-Naib il-patrijiet bnew kappella biex ifakkru d-Dormizzjoni tal-Verġni Marija qrib iċ-Ċenaklu, u reġgħu ppruvaw jakkwistaw il-Qabar ta' David. Imma fit-23 ta' Mejju 1490 l-awtoritajiet Musulmani kkmandawhom iħottu l-kappella. Minn dak il-ħin il-Qabar ta' David u l-Kappella tal-Ispirtu s-Santu, li kienet imġarrfa, waqgħu b'mod permanenti taħt ħakma Musulmana (David Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem*. A Corpus. Vol. III The City of Jerusalem, Cambridge University Press 2010, paperback edition, 270-271).

## Il-Franġiskani jitkeċċew miċ-Ċenaklu (1551)

L-ewwel tentattiv tal-Lhud biex jieħdu f'idejhom il-Qabar ta' David bil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon falla. Imma huma ma qatgħux qalbhom. Fis-sena 1517 l-Palestina għaddiet taħt il-ħakma tat-Torok Ottomani. L-istrateġija politika tal-Imperu Tork, biċ-ċentru tiegħu fil-belt ta' Kostantinopli, kienet dik li s-Sultan (Sublime Porte) kien jippretendi li l-postijiet kollha tal-kult kienu proprjetà tal-iStat, u li kellu dritt jagħtihom lil min irid hu, basta joffrulu somom kbar ta' flus. Xi kultant kien isir veru u proprju rkant tal-Postijiet Qaddisa, li kienu jiġu offruti lil min iħallas l-iżjed. U jekk jidħlu fin-nofs il-Musulmani ma kienx hemm skrupli li jingħataw lilhom bi preferenza l-Postijiet Qaddisa.

Fl-1522 il-Lhud ta' Ġerusalemm għamlu rikors quddiem l-awtorità reliġjuża Islamika li kienet tirrivendika drittijiet fuq l-Għolja ta' Sijon biex jakkużaw lill-Franġiskani li kienu jippossjiedu inġustament il-Qabar ta' David, li kien post sagru għal-Lhud u l-Musulmani; mhux biss, imma li huma kienu jipprofanawh billi jiċċelebraw ir-riti tagħhom fis-sular ta' fuq (Ċenaklu) u hekk jirfsu bir-riġlejn infidili tagħhom fuq dak il-post qaddis li kien hemm taħt. Fuq kollox ikkonvinċewh li, fil-Qabar ta' David, il-Franġiskani u l-Insara kienu ħbew teżori mill-aktar prezzjużi! U biex ikomplu fl-akkużi tagħhom kontra l-Franġiskani qalu li, billi l-kunvent tal-Għolja ta' Sijon kien jinsab barra mill-ħitan tal-belt, il-Franki (Franġiskani) kienu jgħixu ġo fortizza li fiha kienu faċilment idaħħlu bil-moħbi eżerċti Kristjani u armi biex jaħbtu ħabta u sabta għall-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm u jaħkmuha f'idejhom.

Bil-qerq tagħhom il-Lhud ikkonvinċew lil xiħ Musulman ta' Sijon biex jitlob lill-Mufti ħalli joħroġ *fatwa*, jew dikjarazzjoni, li biha hu jiddikjara li l-Franġiskani ma kellhomx jitħallew jgħixu iżjed fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon. Il-Musulmani bdew idejqu lill-Franġiskani u jiddisturbawhom waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħhom. Sadanittant il-kap ċivili, ix-Shaykh al-Shamsi Muhammad al-Ajjami, irnexxielu jmur fil-gżira ta' Rodi, fejn is-Sultan Suleiman il-Manjifiku kien qed jassedja lill-Kavallieri ta' San Ġwann (1522). Dan ikkmanda lil Khourren Paxà ta' Damasku biex imur Ġerusalemm u jġiegħel lill-Franġiskani joħorġu mill-kunvent ta' Sijon u jibqgħu jgħixu biss f'Betlehem u fil-Qabar ta' Kristu, u jiddikjara li l-Għolja ta' Sijon kienet santwarju Musulman f'idejn it-Torok Ottomani. Il-firman kontra l-patrijiet ġie emanat minn Suleiman II fit-18 ta' Marzu 1523. Il-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon (Kustodju) telaq mill-aktar fis lejn Kostantinopli, u hemm talab l-għajnuna tal-ambaxxatur tas-Serenissima (Repubblika ta' Venezia), li kellha relazzjonijiet tajbin kummerċjali mat-Torok Ottomani. Għalkemm l-ambaxxatur Pietro Zen irnexxielu jaqla'

r-revoka tal-*fatwa* kontra l-patrijiet, sfortunatament il-kontrordni favur il-Franġiskani ma wasal qatt Ġerusalemm, u sadanittant l-ambaxxatur ta' Venezia telaq minn Kostantinopli fit-22 ta' Ottubru 1524. B'hekk lejn tmiem l-1523 jew il-bidu tal-1524 il-Franġiskani kellhom iħallu l-kunvent tal-Għolja ta' Sijon. Fiċ-Ċenaklu tqiegħdet iskrizzjoni biex tfakkar li dak il-post kien issa sar Moskea: "L-Imperatur Suleiman ordna li dan il-post għandu jitnaddaf mill-infidili u għamel minnu Moskea." B'indħil favur il-Franġiskani quddiem is-Sultan, fil-25 ta' Marzu 1525 il-Gran Viżir Ibrahim Paxà, li kien ġie lura mill-Eġittu lejn Damasku, irċieva l-ordni biex jagħti lill-Franġiskani xi kmamar fil-kunvent ta' Sijon.

Ibrahim Paxà kien bniedem li kien iħares il-ġustizzja mas-sudditi tiegħu. B'hekk hu sema' lill-patrijiet li marru jiltaqgħu miegħu Gaza hu u ġej lura mill-Eġittu lejn Damasku, u ddeċieda li l-*fatwa* jew editt sultanjali kellu jkun esegwit biss parzjalment. Il-Musulmani kellhom jirċievu l-Qabar ta' David, mentri ċ-Ċenaklu u l-kunvent kellhom jibqgħu f'idejn il-Franġiskani, u li fil-ġejjieni ħadd ma kellu jdejjaq lill-patrijiet fil-qadi tad-dmirijiet reliġjużi tagħhom. Fil-fatt, kif rajna, il-kappella tal-Qabar ta' David kienet ilha f'idejn il-Musulmani sa mill-1452.



*Profeta Neħemija*

Fl-1551 il-Kustodju kien mar Aleppo biex iġib il-konferma tal-permess li l-Franġiskani jibqgħu jgħixu fiċ-Ċenaklu mill-Gran Viżir. Ix-Shaykh ta' Sijon informa lill-awtoritajiet tal-belt li l-Franġiskani kienu qed jippruvaw jieħdu bil-qerq il-belt ta' Ġerusalemm f'idejhom, u qalilhom li kien jara ta' spiss nies armati lebsin ta' pellegrini fil-kunvent ta' Sijon, li kienu qed ilestuh biex minnu l-Franki jaħkmu Ġerusalemm f'idejhom. B'hekk hu talab lis-Sublime Porte f'Kostantinopli biex toħroġ editt għat-tkeċċija definittiva tal-patrijiet mill-Għolja ta' Sijon. Fit-2 ta' Ġunju 1551 ġie emanat il-firman li jikkmanda lill-patrijiet joħorġu mis-Sijon u jmorru jgħixu f'dar oħra ġewwa l-belt jekk ma kinux kuntenti li jgħixu biss fil-Qabar ta' Kristu u f'Betleħem. Il-patrijiet talbu żmien sakemm jiġi lura l-Kustodju. Il-Qadì aċċetta li jistenna, u sadanittant il-patrijiet ippruvaw joffru somom kbar ta' flus biex is-sentenza ma tiġix esegwita. Kien kollu ta' xejn. Fl-istess sena 1551 ix-Shaykh tal-Għolja ta' Sijon ingħata d-dritt li jaħkem il-proprjetà kollha tal-Franġiskani, inkluża l-knisja u l-kunvent tagħhom (Girolamo Golubovich, *Biblioteca Bio-Biografica della Terra Santa e dell'Oriente Cristiano*, Nuova Serie – Documenti, Tomo I (1304-1620), 157-159).

Sadanittant il-Franġiskani kienu marru joqogħdu maġenb iċ-Ċenaklu f'dar li kienet tissejjaħ "id-dar ta' Neħemija", jew aħjar "it-Torri tal-Forn jew tal-Ifran". L-isem ta' din il-parti tal-Għolja ta' Sijon ġej mill-Ktieb ta' Neħemija 3,11, fejn l-awtur jitkellem mit-tiswijiet tal-ħitan ta' Ġerusalemm: "Malkija bin Ħarim sewwa biċċa oħra flimkien ma' Ħassub bin Paħat-mowab sat-Torri tal-Ifran." Il-kelma Lhudija *fannûwr*, li hi tradotta ifran, tindika reċipjent tan-nar, jew forn, u tagħtina l-idea ta' post fejn kien jinġabar l-injam biex jinħaraq jew biex jinħema l-ħobż. Jista' jkun li dan il-post kien tassew forn fuq l-Għolja ta' Sijon. Hu x'inhu dan kien il-post li l-patrijiet kellhom jiskennu fih qabel ma tkeċċew għal kollox miċ-Ċenaklu (mill-1551 sal-1559), u kien f'dan il-post li rnexxielhom jerġgħu jidħlu fl-1936 meta bnew il-kunvent ta' "San Francesco al Cenacolo", magħruf bħala "Cenacolino", kważi ħajt ma' ħajt mal-Post Qaddis taċ-Ċenaklu, fejn kellhom il-kunvent oriġinali tagħhom.

Minkejja li l-Franġiskani komplew jippruvaw joqogħdu kemm jista' jkun maġenb iċ-Ċenaklu, billi fl-1536-1541 Suleiman kien bena mill-ġdid il-ħitan ta' Ġerusalemm u l-Għolja ta' Sijon kienet tinsab barra l-ħitan, biex ikunu aktar fiż-żgur il-Franġiskani kienu sabu kenn ukoll ftit passi bogħod mit-"Torri tal-Ifran", għand il-monaċi Armeni Ortodossi, qrib il-kunvent u knisja tal-Arkanġli Mqaddsa.

Fl-istess sena 1551 li fiha l-Franġiskani tkeċċew miċ-Ċenaklu, intbagħat bħala Kustodju tal-Art Imqaddsa u Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon Patri Bonifacio minn Ragusa (Dubrovnik fid-Dalmazja), li dam Kutodju mill-1551 sal-1559 u mill-ġdid mill-1564 sal-1565, meta fis-17 ta' Novembru sar isqof ta' Stonj fid-Dalmazja u miet fi tmiem l-1581.

Bil-ħila ta' Patri Bonifacio il-Franġiskani rnexxielhom jakkwistaw sede ġdida għall-Kustodja tal-Art Imqaddsa, fil-kunvent Ortodoss ta' San Ġwann Evanġelista (jew it-Teologu), fuq ix-xaqliba tal-majjistral tal-Belt, fejn kienu jgħixu biss tliet sorijiet Ġorġjani, magħruf bħala Dejr al-Amud (il-Monasteru tal-Kolonna). Dan il-monasteru ngħata lill-Franġiskani mis-Sultan Suleiman il-Manjifiku. Il-Ġorġjani rċevew 1200 *zecchini* Venezjani minn Bonifacio da Ragusa. Fl-1561 il-Papa Piju IV ittrasferixxa l-indulġenzi taċ-Ċenaklu f'dan il-kunvent li l-Franġiskani bidlulu ismu u semmewh il-Kunvent ta' San Salvatur, u ddedikawh għat-Trasfigurazzjoni.

Sadanittant il-proprjetajiet kollha tal-Franġiskani fuq l-Għolja ta' Sijon ġew esproprjati mix-Shaykh ta' Nabi Daoud. Ftit qabel l-1639 il-Musulmani bnew *maqam* jew koppla fil-post fejn qabel kien hemm il-Kappella tal-Ispirtu s-Santu. Is-santwarju Musulman ta' Nabi Daoud (il-Qabar tal-Profeta David) ingħata minn Suleiman lill-familja ta' Shaykh Sufi, imsejħa l-familja Dajani, li baqgħu gwardjani ereditarji tal-Għolja ta' Sijon sal-1948. Kien assolutament ipprojbit li l-Insara jmiddu riġlejhom fiċ-Ċenaklu. Kien biss mill-1831 li t-Torok Ottomani ħallew lill-Franġiskani jagħmlu ċelebrazzjoni qasira fiċ-Ċenaklu nhar Ħamis ix-Xirka u nhar Għid il-Ħamsin, imma mhux li jiċċelebraw l-Ewkaristija.



# SAN ĠWANN IL-BATTISTA IL-PREKURSUR TAL-ĦARUF TA' ALLA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Ġwanni jkun jismu" (Luqa 1:60)*

## It-tfulija ta' Ġwanni bin Żakkarija

San Ġwann il-Battista (il-kelma 'battista' li tfisser li jgħammed u immersjoni fl-ilma, bl-Ebrajk *taval* u bil-Grieg *baptizein*) twieled sitt xhur qabel ma twieled Ġesù, hu dan nafuh mit-tħabbira tal-Anġlu lill-Madonna ġewwa Nazaret (ara Luqa 1:36-37 u Danjel 8:16). Il-kelma Maltija 'tbill' ġejja minn dik ebrajk *taval* u għalhekk tfisser ukoll 'tgħaddas fl-ilma'. Fil-fatt fil-liturġija tal-Knisja niċċelebraw it-twelid tal-Battista fl-24 ta' Ġunju, sitt xhur qabel il-Festa tal-Milied. Santu Wistin ta' Hippo (354 sa 430) għandu omelija ferm sabiħa numru 293, fl-okkażjoni tat-twelid tal-Battista.

Ġwanni twieled ġewwa l-Ġudea jiġifieri fin-naħa t'isfel tal-Palestina, eżattament f'Ein Kerem qrib Ġerusalemm, minn Żakkarija u Eliżabetta li kienu t-tnejn anzjani: "Għax it-tnejn kienu mdaħħla fiż-żmien" (Lq 2:6-7). Eliżabetta ommu, kienet ukoll mara sterili jiġifieri ma setax ikollha tfal u dan kien ta' għajb kbir li ġarret tul ħajjitha kollha sakemm twieled Ġwanni li tqaddes fil-ġuf ta' ommu u għalhekk twieled mingħajr id-dnub oriġinali (għalhekk bħala qaddis nagħmlu wkoll festa fit-twelid tiegħu kif ukoll tal-martirju tiegħu). Huwa proprju l-Anġlu Gabriel li jħabbar it-twelid tiegħu lil Żakkarija missieru, fit-tempju fil-Festa tal-Yom Kippur (bejn Settembru u Ottubru) il-Festa ta' penitenza nazzjonali, qassis mit-taqsima ta' Abija mil-linja ta' Aronne u Levi.
Fi żmien Żakkarija kien hemm madwar 20,000 qassis maqsumin f'24 familja (1 Kronaki 24:3-19). Żakkarija ma emminx f'din l-opra ta' Alla u għalhekk fommu ngħalaq. Beda jitkellem meta fit-tmien jum mit-twelid tat-tarbija taha l-isem ta' Ġwanni kif kien ordnalu l-anġlu tal-Mulej. Hawnhekk





fil-fomm ta' Żakkarija naraw verament it-twelid tal-Leħen li jgħajjat fid-deżert kif isejjaħlu Santu Wistin.

Santa Eliżabetta li kienet il-qariba tal-Madonna kienet ġejja min-nisel saċerdotali ta' Aronne wkoll. Naraw hawnhekk xebh kbir bejn it-twelid tal-Battista u dak tal-profeta Samwel, fl-Antik Testment, għaliex anke Ommu Hannah kienet sterili. Kif ħabbar il-profeta Malakija f'kap 3:1, Ġwanni kellu jħejji t-triq għall-Mulej. Ein Kerem (li tfisser l-għajn tad-dielja) hu għalhekk il-post tat-twelid ta' San Ġwann u l-post tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta (ara Luqa 1:43). Dan huwa l-post ta' tliet innijiet kbar ta' tifħir u ta' talb lil Alla. Huwa l-post tal-Magnificat tal-Madonna, tal-Benedictus ta' Żakkarija u tas-Sliema ta' Eliżabetta. Hawnhekk insibu wkoll l-għajn tal-Madonna. F'Ein Kerem insibu għalhekk s-santwarju Biżantin tat-twelid tal-Battista u s-Santwarju tal-Viżitazzjoni. Ġwanni kien l-aħħar profeta li ħabbar fid-deżert il-miġja tal-Messija.

## Il-Prekusur fid-Deżert

Ġwanni l-Battista beda l-ministeru tiegħu fid-deżert fis-sena ħmistax ta' Tiberju li kien issuċċeda lil Awgustu Ċesari fid-19 ta' Awwissu tas-sena 14 A.D. u għalhekk beda madwar is-sena 29 A.D. meta kellu tletin sena bħalma kienu jagħmlu s-saċerdoti u r-rejiet (ara Numri 4:34-35 u 2 Samwel 5:4). Ġwanni kellu jilħaq qassis tat-tempju bħal missieru Żakkarija,

imma huwa għażel li jitwarrab fid-deżert, fil-post tat-talb sabiex iħejji it-triq ta' Ġesù: "Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert, wittu t-triq tal-Mulej" (Ġw 1:23); "U hu wieġeb bil-kliem tal-Profeta Isaija: Jiena l-leħen ta' wieħed igħajjat fid-deżert. Wittu t-triq tal-Mulej." (Is 40:3). Huwa għalhekk il-Prekursur jiġifieri 'dak li ġie qabel' u 'dak li mexa qabel' sabiex iħejji t-triq għall-Messija. Illum fid-deżert kbir tal-Ġudea u tal-Perea jeżisti l-għar tal-Battista li jingħad li kien jgħix fih Ġwanni. Hawnhekk kien jgħix il-faqar, il-penitenza u s-solitudni sabiex huwa stess ikun jista' jgħallem dawn il-virtujiet lill-poplu. L-ikel tiegħu kien għasel selvaġġ u ġradijiet. Tajjeb li ngħidu li l-ġradijiet kienu meqjusa bħala insetti puri u nodfa. Huma kienu jiġu moqlija jew imnixxfin u kienu jintaħnu bħal dqiq. Fuq kollox id-deżert huwa l-post tar-riflessjoni u kontemplazzjoni u fuq kollox preparazzjoni, bħalma għamlu Ġesù u San Pawl. Huwa jħabbar li Ġesù l-Messija huwa fil-qrib. Hu għalhekk huwa l-figura tal-Avvent per eċċellenza. Ġwanni jmur fid-deżert sabiex jipprietka l-indiema tal-poplu ta' Alla u wara kien jgħammed il-poplu fix-xmara Ġordan. Il-ħajja axxetika u spiritwali ta' Ġwanni nebbħet lil diversi missirijiet tal-Knisja, speċjalment il-Padres tad-Deżert, sabiex jgħixu fid-deżert bħal San Anton Abbati u San Makarju.

## Ix-Xmara Ġordan

Ix-xmara Ġordan taqsam il-Palestina (mill-kelma Għarbija *filistin* u *peleset* mill-Eġizzjani u *palashtu* tal-Assiri) fuq in-naħa tal-Lvant. Hija x-xamra qaddisa li nsibu fiż-żewġ Testmenti tal-Bibbja. Fil-Ġenesi kap 13:10, hi msemmija bħala l-ġnien ta' Alla. Hija magħrufa bħal sors ta' fertiltà, Kikkar ha-Yarden għall-popli antiki. Hija x-xamra tal-Patrijarka Ġakobb, ta' Ġoswè, tal-imħallef Gidejon, tal-profeta Elija, tal-pofeta Eliżew, tas-sultan Naaman tas-Sirja, u ta' Ġuda l-Makkabew. Serviet ta' mogħdija għal diversi popli. Hija x-xmara ta' ilma ħelu u ta' diversi mirakli u għeġubijiet ta' Alla (ara Ġoswe 3:15-17; 2 Slat 2:8 u 2 Slat 5:14).

Il-bidu u l-oriġini ta' din ix-xmara twila 175 mil jew 251 km, hija proprju l-muntajna Ħermon li tinsab in-naħa ta' fuq tal-Palestina, min-naħa tal-Libanu u Dan, hi għolja 2020 metru u minnha x-xmara tibqa' nieżla 'l isfel minn Nahr el-Ħasbani, sal-għadajjar Hule, kważi mal-livell tal-baħar, qrib Abel-bet-magħka, (ara 1 Slat 15:20) u l-għadira l-kbira ta' Tiberija jew Kinneret, li tinsab 212 il-metru taħt il-livell tal-baħar fl-art ta' Naftali, sal-Baħar il-Mejjet li huwa 400 metru taħt il-livell tal-baħar Mediterran. Il-qiegħ tal-Baħar il-Mejjet jew tal-Qatran jew ta' Arabah jew ta' Lot imiss is-793 metru taħt il-livell tal-baħar.

L-ewwel villaġġ li nsibu fin-naħa ta' fuq ta' din ix-xmara hija Paneas, imsemmija minn Erodi Filippu Ċesarea ta' Filippi, (ara Matt 16:6) fejn Pietru stqarr li Ġesù huwa l-Messija. Minnha joħorġu xmajjar żgħar li huma l-Yarmuk, qrib Basan u Rammot, fin-naħa ta' Manasse, il-Jabbok, lejn Gilgħad fl-art ta' Gad, il-Ħesbon, qrib in-Nebo - *an nabawah* li tfisser 'għoli' - fl-art ta' Ruben, l-Arnon, fil-Moab, meħud mit-tribù ta' Reuben, illum Wadi Mujib u z-Zered, qrib Edom u Petra. In-naħa tal-Ġordan huwa magħmul mill-Wadi Arabah, il-baħar il-Mejjet u x-xmara Ġordan.

Iċ-Ċisġordanja tinsab fuq il-punent tal-Ġordan u t-Transġordanja hi 'l hinn mill-Ġordan. Fiċ-Ċisġordanja hemm il-Galilija, is-Samrija u l-Ġudea u fit-Transġorganja hemm l-art ta' Baxan, Galaad, il-Mowab, Edom, Perea, Dekapolis, Gawlanitis, Batanea, Trakonitis u Awranitis. Il-kelma Ġordan ġejja mill-Ebrajk *yarad* li tfisser tinżel. Dan għaliex proprju din ix-xmara tinżel mill-muntanja u tibqa' nieżla l-ewwel sal-baħar tal-Gallilea jew l-Għadira ta' Tiberija u tibqa' sejra 'l isfel matul il-pajjiż kollu sal-Baħar il-Mejjet.



Hemm teoloġija sħiħa u sabiħa marbuta ma' din ix-xmara, li hija tassew mixja ta' fidi li min jinżel ġo fiha, jitgħammed fiha, iħalli l-bniedem il-qadim, il-mard (ara Naaman) u d-dnub u jitla' minnha bħala bniedem ġdid. Fil-fatt bħala residwu jew fdalijiet ta' din ix-xmara, insibu proprju l-mewt tal-Baħar il-Mejjet fejn l-ebda

ħlieqa tal-baħar ma tgħixx ġo fih minħabba l-ammont qawwi ta' melħ li fih li jlaħħaq is-26 fil-mija.

## Il-Magħmudija ta' Ġwanni

Il-Magħmudija ta' Ġwanni l-Għammiedi kienet magħmudija tal-indiema sabiex tħejji l-qalb tal-poplu għall-wasla ta' Ġesù. Ġwanni li kien jgħammed għalhekk kien ukoll jagħti xhieda ta' dawn il-magħmudijiet. Bħall-iljun jgħajjat fid-deżert b'determinazzjoni, kif naraw fil-bidu tal-evanġelju ta' San Mark, Ġwanni kien qed ixandar din l-aħbar tal-miġja tal-Messija. Kulħadd beda jersaq lejh, anke l-kittieba u l-Fariżej u hu kien jgħammidhom fil-Ġordan. Fil-fatt qabel ma Ġesù beda l-missjoni pubblika tiegħu ta' tagħlim u mirakli, bosta kienu dawk li kienu dixxipli tal-Battista, fosthom xi appostli bħal Indrì u Ġwanni l-Evanġelista: "Iż-żewġ dixxipli semgħuh igħid dan, u marru wara Ġesù" (Ġw1:37).

Il-post fejn kien jgħammed Ġwanni fil-Ġordan huwa msemmi f'Ġw 1:28 fejn jirreferi għal Betanja tal-Ġordan, qrib il-Baħar il-Mejjet fil-lvant ta' Ġeriko. Mela mhux Betanja dik ta' qrib Ġerusalemm fejn kien joqgħod Lazzru ma' ħutu l-bniet Marta u Marija. Din hija l-belt ta' Bethabarà fil-Perea fejn Ġw 3:23 jirreferi għaliha bħala Għajnun qrib Salim u għalhekk huwa l-post meqjus ta' fejn kien jgħammed Ġwanni fil-Ġordan (ara Matt 3:5-6; Mark 1:5; Luqa 3:3; Ġw 1:28). Bet-nimrah, illum Tell Nimrin, hija wkoll imsemmija minn xi studjużi kritiċi bħala l-post fejn kien jgħammed Ġwanni.

Ġwanni kien jipprietka kontinwament il-maħfra u l-indiema. "Indmu għax is-saltna tas-Smewwiet waslet" (Mt 3:2). L-isem ta' Betanja *beth anya* jfisser 'dar il-fqir' bil-Latin *domus adflictionis* għaliex proprju l-Battista għażel il-faqar. Ġwanni mela kien ixandar il-magħmudija ta' ndiema u ta' konverżjoni, bil-Grieg: *metanoia*, għall-maħfra *aphesis* tad-dnubiet *harmartia* kif naraw fil-bidu tal-Evanġelju ta' San Mark 1:4. Hu kien jinsisti fuq il-frott xieraq tal-indiema, li wieħed ikun onest u bla qerq (ara Mt 3:8 u Lq 3:8). In-nies kienet titgħammed għandu u tistqarr dnubietha. B'umiltà kbira kien jgħallem li hu mhux il-Messija u li l-Messija hu ferm aqwa minnu. Kien jgħallem li Ġesù kien ġej u li kien se jgħammed bl-Ispirtu s-Santu (ara Mk 1:8), eżattament "bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" (ara Lq 3:16). Kien iwissi lil Erodi t-Tetrarka biex ma jgħixx mal-mara ta' ħuh, u dan wassal lil Erodi biex qaflu fil-ħabs (ara Lq 3:19-20). Tajjeb li ngħidu li fil-komunità ta' Qumran kien hemm il-ħasil bl-ilma fost il-membri tal-komunità imma din kienet ħaġa simbolika biss. Il-magħmudija ta' Ġwanni l-Battista kienet: "ngħammidkom bl-ilma għall-indiema" (ara Mt 3:11; Mk 1:8; Lq 3:16; Ġw 1:26-33 u Atti 11:26).

Anke Ġesù għażel li jmur jitgħammed fil-Ġordan mill-Battista. Il-post fejn tgħammed Ġesù llum jissejjaħ Qasr el Yahud li jinsab qrib Ġeriko. Hawnhekk insibu monasteru antik Biżantin tas-seklu sitta ddedikat lill-Battista marbut mat-tradizzjoni tal-fejqan tal-lebbruż. Huwa jsejjaħ lil Ġesù l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja (ara Ġw 1:29-36). Huwa umilment jgħammed lil Ġesù wara li nsista Ġesù miegħu, "Ma jistħoqqlix inħoll il-qafla tal-qorq tiegħu" (Ġw 1:27, ara Matt 3:13-15). Ġwanni kien imħabbar b'rabta mal-Messija ħafna sekli qabel mill-profeta Isaija (ara Is 9:1-2). Il-Kappuċċin Patri Raniero Cantalamessa, fl-omelija tal-Avvent 2007 li għamel lill-*Casa Pontificia* fil-Kappella Redemptoris Mater fil-Vatikan, sejjaħ lil Ġwanni bħala wieħed aktar minn profeta, kif fil-fatt sejjaħlu Kristu nnifsu (ara Mt 11, 11-15).

## Il-Martirju ta' Ġwanni

Ġwanni dam maqful fil-ħabs ta' Erodi għal madwar 10 xhur. Ġwanni ħa l-martirju fil-fortizza Erodjana ta' Machaerous, wara li Erodi Antipas it-tetrarka tal-

Gallilea u Perea, imlaqqam il-lupu, (ara Luqa 13:31-32) ordna li tinqatagħlu rasu fil-ħabs wara li tilef rasu wara ż-żifna ta' Salomè, it-tifla ta' martu Erodja miż-żwieġ tagħha ma' ħuh Erodi Filippu u sabiex jogħġob ix-xewqat kattivi u ta' mibegħda ta' martu Erodja li tellfet nofs is-saltna li kellu Erodi lit-tifla tagħha stess Salomè u għażlet ras il-Battista fuq platt (ara Matt 14:1 u Mark 6:14-29). Erodja kienet miżżewġa qabel lil hu Erodi Antipas, Filippu t-Tetrarka li kien jaħkem fuq l-Iturea u t-Trakonitis (ara Luqa 3:1).

Il-palazz ta' Erodi kien mibni fuq l-għolja Michvar, imsemmija għal wieħed mill-ulied tal-alla tar-riħ Eolo, Machaerous, illum Mukawir, tinsab bejn il-Wadi Żerqa u x-xmara Arnon. L-istudjużi jsostnu li Erodi żżewweġ lil Erodja bint Aristobolus, it-tifel ta' Erodi l-Kbir u Mariamne I, u Bernice fis-sena 27. Qabel huwa kien miżżewweġ lit-tifla tar-re tan-Nabatej Aretas IV, u Ġwanni safa' fil-ħabs fis-sena 30. Fiż-żewġ każijiet Erodja kienet iżżewġet liz-zijiet tagħha u dan kien kundannabbli fl-era Biblika. Josephus, Ġużeppi Flavju, jirrakkonta l-martirju tal-Battista f'*Antiquities* 18.5.2. Il-qabar tiegħu jinsab f'Sebaste fis-Samarija fejn illum hemm il-moskea Neby Yahia; "Imbagħad id-dixxipli tiegħu ġew, ħadu l-ġisem tiegħu u difnuh, u marru jagħtu l-aħbar lil Ġesù" (Mk 6:29).

Giovanni Papini jiddeskrivi l-Battista bħala l-Profeta tan-Nar. Dan huwa kkonfermat minn San Ġirolmu u Santa Pawla Romana fis-sena 386. Il-monasteru tal-Battista fil-Ġordan, il-monasteru kopt fl-Eġittu, il-moskea ta' Umagħad ta' Damasku, San Silvestro in Capite f'Ruma, ir-Residenz Museum fi Munich, il-Katidral ta' Amiens fi Franza, il-knisja ta' Tenterden fi Kent, il-monasteru Ortodoss ta' Cetinje f'Montenegro, it-Topkapi Palace f'Istanbul, il-knisja Armena ta' Ġwanni f'Cinsurah fil-West Bengal, il-monasteru ta' San Makarju l-Kbir fl-Eġittu, il-Katidral ta' Ġwanni l-Battista f'Nagorno Karabakh u l-knisja ta' Sveti Ivan fil-Bulgarija, isostnu li għandhom relikwi tal-Battista.

Il-knisja Ortodossa tagħmel il-festa tat-tnissil tal-Battista





fit-23 ta' Settembru, l-24 ta' Ġunju t-twelid tiegħu u d-29 ta' Awwissu l-martirju tiegħu. Huwa meqjum bħala profeta fl-Islam bħala Yahya ibn Zakariya. Huwa patrun ta' Puerto Rico, Quebec, Newfoundland, tal-belt ta' Porto fil-Portugal, Firenze, Genova, San Ġwann Lateran f'Ruma, l-Ordni tal-Kavallieri ta' Ġerusalemm, il-Kon-Katidral ta' Malta u fix-Xewkija Għawdex u Patrun prinċipali tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija li twaqqfet f'Malta minn San Ġorġ Preca.

## Biblijografija


Benedetto XVI, *Gesù di Nazaret*, Rizzoli 2007.

Gibson, J.C., *John the Baptist in muslim writings*, in MW 45 (1955) 334-345.

Novak, R.M., *Christianity and the Roman Empire: Background texts*, Trinity Press International 2001.

Taylor, J., The *Immerser: John the Baptist within the second temple Jerusalem*, Grand Rapids (Michigan) 1997.

Webb, R.L., *John the baptizer and prophet: a socio-historical study*, Sheffield 1991.

Witherington, B., III, "Salome", in *Anchor Bible Dictionary* 5, 906-907.



# IN-NATURA TAS-SAGRIFIĊĊJU (4)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

F'dan l-artiklu issa se nkomplu naraw dwar in-natura ta' dawn id-debħiet li kienu jsiru ta' kuljum f'numru kbir u bla għadd fuq l-artal li kien hemm fil-bitħa miftuħa fit-tempju ta' Ġerusalemm. Sewwa li ngħidu wkoll li l-profeti tambru bil-qawwa kollha dwar dawn is-sagrifiċċji, l-aktar għaliex min joffrihom kellu jkun f'għaqda sħiħa ma' Alla. Altrimenti kollox ikun battal. Il-profeta Isaija (kap 1 sa 39) li għadda ħafna minn ħajtu qrib sew tal-maqdes

kellu kliem iebes tassew dwar dan kollu. "X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1,11).

## Azzjoni divina

Li wieħed jiddeċiedi li jissagrifika xi vittma lil Alla, dan il-att aktar milli huwa azzjoni ta' bniedem, hija azzjoni u mbuttatura Divina. Jiġifieri jidħol fin-nofs it-twemmin. Alla biss u waħdu jista' jqaddes l-offerta li tkun qiegħda fuq l-artal tinħaraq u tintemm! Biex ikun hemm tassew sagrifiċċju lil Alla, il-mezzi ta' din l-art mhumiex biżżejjed, anqas in-nar imkebbes minn xi bniedem ma jgħodd; hemm il-ħtieġa ta' għajnuna mis-sema, mela nar li jkun ġej direttament minn Alla stess. Il-bniedem bil-ħiliet kollha li għandu mhux kapaċi li jidbaħ lil Alla, huwa jista' biss iqarreb u jressaq l-offerta lejn l-artal! Sa hemm biss jista' jasal! L-aċċettazzjoni tal-vittma din tiddependi biss minn Alla.

Ir-raba' Vangelu għandu frażi li taqbel ħafna ma' dan li qegħdin ngħidu: "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem li niżel mis-sema" (Ġw 3,13). Il-ktieb tal-Levitiku jagħmel riferenza għal kult sagrifikali tal-poplu ta' Alla u li dan sar qalb in-nar li ġie mingħand Alla. Fil-mument tal-inawgurazzjoni tal-kult tal-qassisin, il-Levitiku jgħid li "ħareġ nar minn quddiem il-Mulej u kkonsma li kien hemm fuq l-artal; il-vittmi tas-sagrifiċċju tal-ħruq, u x-xaħam" (Lev 9,28). Dan mela jfisser li l-Mulej laqa' u aċċetta din l-offerta li kien hemm fuq l-artal.

Ġrajja oħra li tixbah lil din seħħet fid-dedikazzjoni tal-maqdes ta' Ġerusalemm. Skont it-tieni ktieb tal-Kronaki "xħin Salamun temm jitlob niżel nar mis-sema u kkonsma s-sagrifiċċju tal-ħruq u l-vittmi" (2 Kron 7,1). Dan serva ta' ċertifikat sħiħ u qawwi dwar il-validità tad-debħiet. Il-Bibbja tagħmel sew li turi li n-nar ġie mis-sema. Għalhekk il-Levitiu jisħaq li "in-nar għandu jibqa' jħeġġeġ għal dejjem u ma għandu jintefa qatt".(Lev 6,6). Mela dan kien dejjem l-istess nar li ġie mis-sema u li serva biex bih jinħarqu d-debħiet lil Alla.

Minn dan għalhekk toħroġ intuwizzjoni rigward in-natura tas-sagrifiċċju: Li tidbaħ mhix ħaġa li ġejja biss mill-bniedem. Li tidbaħ hija azzjoni divina. Dan għaliex Alla biss jista' jilqa' u jagħmel tabilħaqq l-offerta qaddisa. Biex ikun hemm debħa mhux biżżejjed il-mezzi ta' din l-art, anqas in-nar imkebbes minn xi





bniedem, hemm bżonn ukoll għajnuniet u mezzi mis-sema, nar li jiġi direttament minn Alla. Alla biss jista' jqaddes offerta billi jqiegħed fiha n-nar divin, il-qdusija tiegħu stess li din hija "nar qerried" (Dt 4,24), "Kun af illum, mela, li l-Mulej, Alla tiegħek, hu li se jgħaddi quddiemek bħal nar li jibla'" (Dt 9,3).

## Aktar tifsir

Dan il-ħsieb huwa wieħed tassew validu u hemm bżonn li nfissruh aktar sew. Hawn xi ħaġa li għadha fl-imperfett, fin-nieqes; dan għaliex in-nar divin ħasbuh u interpretawh f'mod materjali, bħal xi sajjetta li taqa' mis-sema. L-awtur tal-ittra lil-Lhud għadda aktar 'il fuq dan il-ħsieb mhux daqstant perfett. Għalhekk filwaqt li rrifletta fuq il-passjoni ta' Ġesù, l-awtur skopra u kixef it-tifsira vera ta' dan is-simbolu tan-nar.

In-nar ta' Alla mhux xi sajjetta li waqgħet mis-sħab: Huwa l-ispirtu ta' qdusija! L-Ispirtu s-Santu huwa l-uniku kapaċi li jwassal u jagħmel il-vera bidla sagrifikali, jiġifieri li jwassal l-offerta fl-ambitu tal-qdusija divina. Ebda setgħa materjali anqas dik stess tan-nar ma hija kapaċi li twassal tassew offerta sa għand Alla, u dan għaliex mhix kwistjoni ta' xi vjaġġ fl-ispazju, daqskemm ta' bidla interjuri. Biex joqrob lejn Alla l-bniedem ma għandux bżonn ta' xi moviment minn barra imma ta' bidla mill-qrib. Bidla li ssir biss grazzi għal indħil tal-Ispirtu s-Santu. Dan l-istess ħsieb diġà Ġesù tkellem dwaru mal-mara Samaritana: "Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità" (Ġw 4,24)

Is-sagrifiċċju ta' Kristu ma ġarax minħabba n-nar li kontinwament jaqbad fuq l-artal tal-maqdes, imma permezz tal-Ispirtu etern, li mela l-qalb ta' Kristu b'qawwa ta' mħabba. Dan huwa s-sigriet tad-dinamiżmu intern li kellu

Ġesù li wasslu sa fuq is-salib: “Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!” (Lq 12,49). La darba Ġesù kien immexxi mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, huwa kellu dik ix-xeħta interna meħtieġa biex ibiddel il-mewt ta’ wieħed ikkundannat u misħut f’offerta perfetta għalih stess lil Alla u dan ukoll favur ta’ kulħadd.

Din il-qawwa spiritwali wasslet il-vera bidla sagrifikali, billi mexxiet in-natura umana ta’ Kristu mil-livell ta’ din id-dinja, mela mil-livell tad-demm u tal-laħam li Ġesù kellu grazzi għall-inkarnazzjoni lejn il-livell ta’ għaqda definittiva ma’ Alla fil-glorja. Ġesù għadda minn din id-dinja għand il-Missier b’dan il-mod, mhux b’xi vjaġġ fl-ispazju imma permezz ta’ bidla qaddisa: “U jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità” (Ġw 17,19). Huwa importanti li aħna naqbdu din l-idea tas-sagrifiċċju u ta’ offerta, idea li fiha hemm il-qdusija u din grazzi għall-Ispirtu s-Santu li jsawwab fi qlubna l-imħabba divina.

## Aspett ta’ bidla

Minflok ma nieqfu fuq l-aspett ta’ ċaħda jew ta’ tbatija sewwa li nqiegħdu l-attenzjoni tagħna aktar fuq l-aspett ta’ bidla. Jekk il-Mulej jitlobna xi offerta dan mhux biex jagħni lilu nnifsu; huwa ma għandux bżonn tal-offerti, imma biex issir il-bidla fina. Dan diġà nsibuh fit-Testment il-Qadim; Jekk Alla jitlobna xi offerta huwa biex iwasslilna l-qdusija tiegħu, biex ibiddilna u jgħollina billi jimlina bl-imħabba tiegħu permezz tal-Ispirtu tiegħu. Aħna hemm bżonn li nifhmu li bil-forzi tagħna biss, mela bit-taħbit kollu li nivvintaw, m’aħniex kapaċi li nattwaw veru sagrifiċċju, imma li nistgħu biss nippreżentaw



l-offerta tagħna, u li mbagħad nitolbu lill-Mulej li hu jidbel l-offerta. Dan jista' biss isir grazzi għall-qawwa tal-Ispirtu s-Santu."

Aħna kif nistgħu nieħdu din il-qawwa? Bil-mod ta' kif ħadha Ġesù, kif miktub: "Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla." (Lhud 5,7). Ġesù kien "għadu jgħix fuq din l-art", mela ma telaqx minn sitwazzjoni kollha kemm hi spiritwali. L-offerta telqet minn punt umli u tqil. Kristu libes il-ġisem bħal tagħna, mela n-natura fraġli, dgħajfa u mortali. Huwa kien jinsab tassew f'sitwazzjoni ta' dwejjaq. Dan seħħ fil-milja kollha fil-Ġetsemani. Hekk kif Ġesù għadda minn din is-sitwazzjoni huwa talab aktar b'intensità: "Imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar" (Lq 22,44). Dan kien wieħed mill-aktar mumenti tqal u ta' dwejjaq ta' Ġesù f'ħajtu. Għalhekk huwa kellu bżonn tal-Ispirtu s-Santu biex ikompli jwieżnu quddiem dak kollu li kien hemm lest għalih. Hekk Ġesù rċieva fin-natura umana l-milja ġdida tal-Ispirtu s-Santu. Dan l-Ispirtu tah il-qawwa biex joffri lilu nnifsu b'imħabba perfetta għall-umanità kollha.

Biex kull wieħed minna jkollu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jbiddel l-offerti tagħna hemm bżonn li nimxu fuq il-passi ta' Kristu u nitolbu b'intensità. Fl-aħħar mill-aħħar kull talba dejjem għandha l-istess għan: Li nieħdu mill-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u ninfetħu dejjem aktar għal azzjoni li tbiddel lilna u l-offerti li nagħmlu 'l Alla.





# L-ANĠLI FIL-ĦAJJA TA’ ĠESÙ

*Marcello Ghirlando*

Iż-żmien qaddis tal-Milied jerġa’ jġibilna quddiem għajnejna x-xena tat-twelid ta’ Ġesù f’Betleħem. Huwa xenarju li fih San Luqa jippreżentalna d-dehra li tgħaxxqek tal-kant tal-anġli fil-lejl tat-twelid tal-Messija, Bin David (Lq 2:13-14). Quddiem xena bħal din tajjeb li nsaqsu lilna nfusna: kemm jissemmew l-anġli fil-Vanġeli? X’inhu l-irwol tagħhom fil-ħajja ta’ Ġesù?

Nagħmlu dawn il-mistoqsijiet aktar u aktar minħabba l-interess kbir li l-anġli[1] jqanqlu anke fid-dinja tal-lum. David Albert Jones, fl-introduzzjoni għal ktieb tiegħu *Angels, A History* hekk jikteb testwalment: "*Angels are acknowledged in each of the three great "Abrahamic" religions – Judaism, Christianity, and Islam – and among Christians their appeal is broad enough to extend from Russian Orthodoxy to American Evangelical Protestantism. Those post-Christian forms of spirituality, which are sometimes termed 'New Age', also lay claim to the guidance and healing of angels. While Church attendance, at least in Western Europe, has declined, angels are as popular as ever. In an age that prides itself on scientific rationality, belief in angels seems not quite respectable. Yet these ethereal beings are now subject of innumerable references, depictions, and allusions in the electronic ether. At the time of writing, an Internet search for 'angel' registered 280,000,000 hits, which was, for example, five times as many as 'Christianity' and six times as many as 'astronomy'.*"[2]

Li kieku kellna nistaqsu min huma l-anġli fl-Iskrittura Mqaddsa, kieku jiena nwieġeb bil-kelma, mistoqsija li jagħmel l-awtur, li nsibu fl-Ittra lil-Lhud 1:14: "*Mhumiex huma wkoll spirti qaddejja, mibgħutin biex jaqdu lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni?*" L-awtur jiddeskrivi b'mod preċiż min huma u x'inhu r-rwol tal-anġli: spirti qaddejja - mibgħutin - biex jaqdu – lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni.

Niftakru li din il-mistoqsija retorika li jagħmel l-awtur tal-Ittra[3] hija misjuba fl-ewwel parti tal-kitba tiegħu; fiha l-awtur jitkellem mir-rivelazzjoni ta' Alla permezz ta' Ibnu. L-Iben huwa l-aħħar Kelma tal-Missier (1:1-2:18). F'din l-Ittra l-awtur jenfasizza s-superjorità ta' Ġesù: jiġi mqabbel għall-kobor tal-anġli u l-qadi tagħhom biex is-superjorità tiegħu tidher fl-aqwa tagħha; dan kollu jikkonfermah bl-Iskritturi mqaddsa.

F'dan il-kuntest joħroġ għad-deher min huma u xi rwol għandhom l-anġli: huma "*spirti qaddejja,*" li jiġu "*mibgħutin,*" għall-missjoni ta' qadi, "*biex jaqdu,*" lil dawk li jemmnu



f'Ġesù, lil dawk li minħabba twemminhom spiss iridu jaqdfu u jitħabtu biex jibqgħu fidili. "*Għall-Kristjaneżmu tal-bidu l-azzjoni tal-anġli hija essenzjalment azzjoni, ħidma favur Kristu, qadi għall-ġrajja u l-istorja tiegħu.*" [4]

## Fil-Ħajja ta' Ġesù

Irridu ngħidu, qabel ma nagħtu titwila qasira ħafna lejn l-anġli fil-ħajja ta' Ġesù, li "*l-idea tal-anġli misjuba fl-Antik Testment u meqjusa bħala rappreżentanti tas-smewwiet u messaġġiera ta' Alla hija meħuda b'mod naturali mill-awturi tal-Ġdid Testment. L-anġli, per eżempju, huma rrappreżentanti tad-dinja l-oħra (Lhud 12:22; 1 Tim 5:21). Li tkun bħalhom ifisser li tirrifletti din id-dinja (Atti 6:15). Li tiġi mxebbah magħhom ifisser li tkun mxebbah ma' dak li huwa divin (Gal 4:14). Li tkun spettaklu għalihom huwa li tkun spettaklu għad-dinja tas-sema (1 Kor 4:9).*"[5]

Jekk l-anġli huma "*spirti qaddejja, mibgħutin biex jaqdu lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni*", aktar u aktar l-Evanġelisti juru li huma qaddejja tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Dejjem jiġu msemmija fil-Vanġeli f'relazzjoni mal-persuna u l-missjoni ta' Ġesù Kristu; jakkumpanjaw il-manifestazzjoni tiegħu bħala Messija u Iben ta' Alla mwieled f'Betleħem, jixhdu għall-qawmien tiegħu mill-imwiet u jakkumpanjawh fil-glorja u l-ġudizzju tal-aħħar żminijiet.

Fil-Vanġeli tat-Tfulija huwa anġlu li jħabbar it-twelid verġinali lil Ġużeppi u jmexxih fl-irwol tiegħu ta' dak li kellu jagħti l-isem Ġesù lit-tarbija, imnissla bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (Mt 1:20.24; 2:13-19). L-anġlu Gabriel, dak "*li qiegħed quddiem Alla,*" iħabbar it-twelid ta' Ġwanni l-Battista (Lk 1:11.19); jiġi mibgħut lil Marija ta' Nazaret (Lk 1:26), iħabbar il-ferħ tat-twelid tal-Messija f'Betleħem u miegħu jingħaqdu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema jfaħħru lil Alla (Lk 2:9-14).

Waqt il-ministeru tiegħu Ġesù jiġi moqdi mill-anġli (Mt4:11; Mk1:13): "*ġew xi anġli u kienu jaqduh.*". Huwa anġlu li jagħmillu l-qalb fis-siegħa drammatika tal-Ġetsemani (Lk 22:43). Għaliex huwa l-uniku medjatur bejn Alla u l-bniedem, Ġesù seta' jistqarr: "*Tassew tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem.*" (Ġw 1:51). Ġesù jitkellem mill-anġli; jagħraf l-eżistenza tagħhom bħala waħda għalkollox differenti minn dik tal-bnedmin: lis-Sadduċej, li ġew għandu biex iġarrbuh fuq il-ħajja wara l-mewt, jistqarr: "*Għax il-bnedmin, meta jqumu mill-imwiet, la jiżżewġu u lanqas iżewġu, imma jkunu bħall-anġli fis-smewwiet.*" (Mk 12:25). L-anġli jħarsu liż-żgħar (Mt 18:10) u jingħaqdu fil-ferħ tal-Missier għal kull midneb li jindem (Lk 15:10).

Huma l-anġli l-ewwel li jixhdu għall-ħolqien ġdid tal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet u




jikkonfermaw l-għajn tal-aħbar it-tajba ta' ħajja li kissret il-ktajjen tal-mewt. Mark jitkellem miż-"*żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda*" (Mk 16:5) li jħabbar il-qawmien ta' Ġesù ta' Nazaret; dan huwa "*l-anġlu tal-Mulej mis-sema…id-dehra tiegħu kienet bħal berqa; ilbiesu abjad bħas-silġ*" (Mt 28:2-3). Għal San Luqa l-anġli jiġu deskritti bħala "*żewġt irġiel lebsin ilbies jiddi*" (Lq 24:4); bħaż-"*żewġ irġiel libsin l-abjad*" li dehru fi tlugħ il-Mulej fis-sema (Atti 1:10). Għal San Ġwann, Marija ta' Magdala tilmaħ "*żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù*" (Ġw 20:12).

It-tieni miġja tal-Mulej fil-glorja ser isseħħ anke bil-presenza tal-anġli: "*Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien mal-anġli tiegħu…*" (Mt 16:27; 25:31; Mk 8:38; Lk 9:26). L-anġli għandhom ukoll jieħdu sehem fil-ġudizzju tal-aħħar: "Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada l-anġli…Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-saltna tiegħu kulma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen" (Mt 13:39.41.49; 1 Tess 4:16; 2 Tess 1: 7; Apok 15-16).

Is-sehem attiv tal-anġli jidher l-aktar f'relazzjoni mal-ġrajjiet tal-aħħar. L-Apokalissi ta' San Ġwann għalhekk jagħtina dehra tal-aħħar taż-żminijiet, żminijiet li fihom l-anġli se jkollhom rwol varjat u determinanti.[6]

L-anġli huma qaddejja tal-Iben ta' Alla: Hu biss l-uniku Medjatur bejn Alla u l-bniedem. Kull tentattiv biex tingħata importanza żejda lill-anġli, fid-dawl taċ-ċentralità ta' Kristu l-Mulej, huwa miċħud. Jekk, kif aċċennajna diġà, l-awtur tal-Ittra lil-Lhud tambar fuq it-traxxendenza ta' Ġesù, Pawlu fl-Ittra lil Kolossin (2:8) jeħodha kontra kull tip ta' qima li setgħet tingħata lill-anġli, u jistqarr li dawn, flimkien mal-ħolqien kollu, ġew maħluqa fih: "*Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha; għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm*" (Kol 1:15-17).

Fid-dawl ta' dan li ġbarna, nistgħu nifhmu aħjar dak li jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fuq l-anġli fil-ħajja ta' Ġesù.[7]

"*Kristu hu ċ-ċentru tad-dinja tal-anġli. "Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu" (Mt 25,31). Huma tiegħu għax maħluqin bih u għalih: "Għax fih kien maħluq kollox fis-sema u fl-art dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx: Troni u ħakmiet, Prinċipati u Setgħat: kollox bih u għalih kien maħluq" (Kol 1,16). Huma wisq aktar tiegħu għax għamilhom ħabbara tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni: "Mhumiex huma wkoll spirti qaddejja mibgħuta biex jaqdu lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni?" (Lhud 1,14).*"

"*Huma hemm, sa mill-ħolqien (ara Ġob 38,7 fejn l-anġli jissejħu "wlied Alla") u tul il-ġrajja tas-salvazzjoni, li ħabbruha mill-bogħod u mill-qrib u qdew il-pjan ta' Alla ħa sseħħ: għalqu l-bieb tal-ġenna tal-art (ara Ġen 3.24) ħarsu 'l Lot (ara Ġen 19), salvaw 'il Ħagar u 'l binha (ara Ġen 21,17), żammew id Abraham (ara Ġen 22,11), il-liġi ngħatat bil-qadi tagħhom (Atti 7,53), mexxew il-poplu ta' Alla (ara Eż 20,20-23), ħabbru twelid (ara Mħal 13) u sejħat (ara Mħal 6,11-24; Is 6,6), għenu 'l-profeti (ara 1 Sl 19,5), biex insemmu xi eżempji. U fl-aħħar kien l-anġlu Gabrijel li ħabbar it-twelid tal-Prekursur u dak ta' Ġesù stess (ara Lq 1,11.26).*"

"*Mill-Inkarnazzjoni sat-Tlugħ fis-sema l-ħajja tal-Verb magħmul bniedem hi mdawra bl-adorazzjoni u l-qadi tal-anġli. Alla "huwa u jdaħħal 'l Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid: 'Ħa jqimuh l-anġli kollha ta' Alla'" (Lh 1,6). L-għana ta' tifħir li lissnu l-anġli fit-twelid ta' Kristu ma waqaf qatt mit-tifħir tal-Knisja: "Glorja 'l Alla..." (Lq 2,14). Ħarsu t-tfulija ta' Ġesù (ara Mt 1,20; 2,13.19), qdew lil Ġesù fid-deżert (ara Mk 1,12; Mt 4,11), farrġuh fl-agunija (ara Lq 22,43), setgħu jeħilsuh minn idejn l-għedewwa tiegħu (ara Mt 26,53) kif qabel ħelsu lil Israel (ara 2 Mak 10,29-30; 11,8). Huma wkoll l-anġli li "jevanġelizzaw" (Lq 2,10) huma u jħabbru l-Bxara t-tajba tal-Inkarnazzjoni (ara Lq 2,8-14) u tal-Qawmien mill-Imwiet (ara Mk 16,5-7) ta' Kristu. U hemm ikunu meta Kristu jerġa' jiġi, wara li jkunu ħabbru t-tieni miġja tiegħu (ara Atti 1,10- 11), biex ikunu qaddejja tal-ġudizzju tiegħu (ara Mt 13, 41; 24,31; Lq 12,8-9).*"

Minn hawn il-kelma ta' kuraġġ li l-istess Katekiżmu



jagħmel: "*Minn dan jiġi li l-ħajja kollha tal-Knisja tikseb ġid mill-għajnuna misterjuża u setgħana tal-anġli (ara Atti 5,18-20; 8, 26-29; 10,3-8; 12,6-11; 27,23-25).*"

## Referenzi

1 Diversi huma l-artikli fuq l-Anġli li nsibu f'diversi Dizzjunarji, per eżempju: Barbaglio, "Angeli", 148-156; Adalberto Sisti, "Angeli/Demoni," in *Dizionario di Teologia Biblica*, ed. Pietro Rossano, Gianfranco Ravasi, e Antonio Girlanda (Milano: EP, 1986), 68-75; Crispin Louis-Fletcher, "Angels, in *Dictionary of Jesus and the Gospels,* ed. J. B. Green, J. K. Brown & N. Perrin. 2nd ed. (Downers Grove: IL; Nottingham: England: Inter-Varsity Press Academic; Inter Varsity Press, 2013), 11-17.Samuel A.Meier, ."Angel I," in *Dictionary of Deities and Demons in the Bible,* ed. K. van der Toorn, B. Becking & P. W. van der Horst, 2nd ed. (Leiden; Boston; Köln; Grand Rapids, MI; Cambridge: Brill; Eerdmans, 1999), 45–50; Jan Willem Van Henten, ."Angel II," in *Dictionary of Deities and Demons in the Bible,* 50-53; Samuel A.Meier, "Angel of Yahweh," in *Dictionary of Deities and Demons in the Bible,* 53-59.

2 David Albert Jones, *Angels, A History* (Oxford: Oxford University Press, 2010), xi-xii.

3 William L. Lane, *Hebrews 1–8*, vol. 47A of *Word Biblical Commentary* (Dallas: Word, Incorporated, 1998), 19-33.

4 Walter Grundmann, Gerhard Von Rad, Gerhard Kittel, "ἄγγελος, ἀρχάγγελος, *ἰσάγγελο*", vol.1 of the *Theological dictionary of the New Testament,* ed.Gerhard Kittel, Geoffrey W. Bromiley & Gerhard Friedrich (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1964), 85.

5 Kittel, "ἄγγελος, ἀρχάγγελος, *ἰσάγγελο,*" 83.

6 Ara. Kittel, "ἄγγελος, ἀρχάγγελος, *ἰσάγγελο,*" 85.

7 *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* Traduzzjoni Maltija. 1 ed (1997), nn. 331-33.



# 1 ĠW 4,7-12 – ALLA HUWA MĦABBA (1)

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Numru ta' studjużi tal-Iskrittura jżommu li dik li hija magħrufa bħala l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann m'għandhiex tiġi kklasifikata bħala Ittra fis-sens formali tagħha u dan għal bosta raġunijiet. Hekk f'din l-Ittra ma nsibux min kienet l-udjenza li għaliha ġiet indirizzata, u dan

f'kuntrast per eżempju, mat-Tieni Ittra ta' San Ġwann.[1] Hekk ukoll, kuntrarju għal ħafna Ittri oħra tal-epoka, it-tislima tal-bidu u l-aħħar tislijiet fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann huma wkoll nieqsa.[2]

F'kuntrast mal-awtur tat-Tieni Ittra ta' San Pietru, l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann mhuwiex preokkupat li jippreżenta lilu nnifsu bħala wieħed mill-appostli magħrufin. Minflok huwa jibqa' anonimu.[3] Minkejja dan, iżda, l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann jistenna li jiġi meqjus bħala xi ħadd li hu kkwalifikat fil-proklamazzjoni tax-xandir tal-kelma nisranija.[4]

Fil-każ tas-suġġett tal-Ittra, imbagħad, l-awtur ta' din l-Ittra juri li hu familjari sewwa mal-kundizzjonijiet reliġjużi u etiċi tal-qarrejja tiegħu, tal-inqas b'mod ġenerali.[5] Fil-fatt, l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann tidher li kienet qed tindirizza sitwazzjoni partikulari bil-għan li tħabbar il-ferħ tax-xandir tal-messaġġ nisrani,[6] biex tqawwi l-fidi vera,[7] u biex tagħti ċ-ċertezza tal-ħajja ta' dejjem.[8] Dawk li emmnu, jidher li kienu qed jeħduha kontra xi tagħlim żbaljat, aktarx kontra Kristoloġija falza, kif jindikaw numru ta' testi f'din l-istess Ittra.[9]

L-għan ta' dan l-artiklu huwa li neżaminaw



sitt versi minn din l-Ittra, eżattament 1 Ġw 4,7-12 filwaqt li naraw l-implikazzjonijiet teoloġiċi tagħhom fil-ħajja ta' dak li jistqarru li jemmnu f'Ġesù. Sabiex nagħmlu dan, se nużaw numru ta' studji oħra li saru fuq l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann u fuqhom se nibnu l-argumenti tagħna. B'hekk inkunu qed nuru l-iżvilupp tal-ħsieb u kif dan it-test bibliku ġie interpretat mal-medda taż-żmien minn studjużi differenti tal-Iskrittura.[10]

Se naqsmu din il-kitba tagħna f'żewġ partijiet. F'din il-ħarġa se nippreżentaw l-ewwel parti ta' din il-kitba li se tikkonċentra fuq l-ewwel żewġ versi, jiġifieri, fuq 1 Ġw 4,7-8. Fit-tieni parti mbagħad, inkomplu bil-kumplament tal-versi l-oħra, jiġifieri 1 Ġw 4,9-12.

## Sezzjoni Ġdida fl-Ittra

B'din l-introduzzjoni qasira għall-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, ejjew issa nħarsu aktar mill-qrib lejn 1 Ġw 4,7-12.

> "Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba. B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih. U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna. Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin. Lil Alla għadu ħadd ra rah, imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina" (1 Ġw 4, 7-12).[11]

Wara li f'1 Ġw 4,1-6 l-awtur jipprovdi kriterji għall-qarrejja tiegħu li bihom huma setgħu jistħarrġu l-ispirti, bla mistenni l-awtur jibda sezzjoni ġdida f'4,7-12 li fiha huwa jirritorna għat-tema tal-imħabba li diġà kien beda jitratta f'3,11-24. L-awtur issa jħabbar ir-raba' kundizzjoni sabiex dawk li emmnu jkunu jistgħu jgħixu bħala wlied Alla: l-ulied ta' Alla għandhom iħobbu lil xulxin. Bħall-istqarrija tal-fidi, l-awtur iqis l-imħabba bħala l-marka ta' dawk li twieldu minn Alla.

Għalkemm b'4,7-12 l-awtur jibda sezzjoni ġdida, b'danakollu dawn il-versi huma marbutin mal-versi 1 sa 6 permezz ta' xi kliem li jirrepeti ruħu. Hekk per eżempju, it-tema tal-għarfien ta' Alla li nsibuha f'4,6 nerġgħu niltaqgħu magħha fil-vv.7-8. Hekk ukoll il-frażi li turi li wieħed ikun "ġej minn Alla" [bil-Grieg: *ek tou thoeu*] insibuha kemm fil-v.6 kif ukoll fil-v.7.

Minbarra hekk, irridu ninnutaw ukoll kif l-istruttura ta' 4,7-12 u l-progress tal-ħsieb mhumiex daqshekk faċli sabiex tqegħedhom b'mod sistematiku, ukoll jekk inhu faċli tidentifika l-biċċiet iż-żgħar li jiffurmaw din is-silta.





- Fil-v.7a insibu eżortazzjoni sabiex il-qarrejja bħala nsara jħobbu lil xulxin.
- Fil-vv.7b-8 insibu l-asserzjoni li dawk li jgħixu fl-imħabba jafu lil Alla, filwaqt li dawk li ma jgħixux fl-imħabba, ma jafux lil Alla.
- Fil-vv.9-11 naqraw dwar it-turija tal-imħabba ta' Alla meta dan bagħat lil Ibnu bħala sagrifiċċju tat-tpattija, segwita mill-obbligazzjoni li tiġi minn din l-azzjoni, dik li nħobbu lil xulxin.
- Fil-vv.12-13 l-imħabba lejn l-oħrajn tiġi ppreżentata bħal xhieda li aħna ngħixu f'Alla li ma jidhirx u li Alla jgħix fina.

## Stedina biex nagħrfu lil Alla

> *"Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla"* (v.7).

Fit-test Grieg li bih oriġinarjament inkitbet din l-Ittra, l-ewwel tliet kelmiet ta' dan il-vers - "għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin" [bil-Grieg: *agapetoi, agapomen allelous*] ilkoll jibdew bl-ewwel ittra tal-alfabet Grieg: *alpha.*[12] Din l-għażla tista' tkun risonanza magħżula apposta sabiex tħalli eku sabiħ ta' dawn it-tliet kelmiet ippreżentati immedjatament wara xulxin u li jibdew fuq l-istess intonatura. Dan juri l-ħila letterarja u artistika tal-awtur ta' din l-Ittra.

Din hija l-ħames darba li l-awtur ta' din l-Ittra jagħżel li jindirizza lill-qarrejja tiegħu bil-kelma: "għeżież" [bil-Grieg: *agapetoi*].[13] B'dan il-mod, l-awtur juri l-affezjoni jew ir-rabta spiritwali u pastorali tiegħu mal-kongregazzjoni li għaliha kien qed jikteb, filwaqt li jintroduċi s-suġġett tal-imħabba li għalih kien se jitlob l-attenzjoni tagħhom.[14]

Wara dan il-mod kif huwa jsejjaħ lill-qarrejja, l-awtur imbagħad jgħaddi biex jagħmel eżortazzjoni: "għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin." Din l-eżortazzjoni jew kmand teħodna lura għal dak li naqraw fi 3,23 "Dan hu l-kmandament tiegħu: li nemmnu fl-isem ta' Ibnu Ġesù Kristu, u nħobbu 'l xulxin, kif wissiena hu."[15] Mhux biss, imma dan il-kmand ifakkarna wkoll fi kliem Ġesù stess meta waqt l-aħħar ċena jagħti kmandament 'ġdid' lid-dixxipli tiegħu: "Nagħtikom

kmandament ġdid, li tħobbu lil xuxlin" (Ġw 13,34).[16]

Tajjeb ninnutaw li f'din l-ewwel sfida fil-v.7 - "għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin" - il-forma grammatikali tal-verb "inħobbu" hija fil-preżent. Dan juri li l-kmand biex inħobbu lil xulxin mhuwiex xi ħaġa li xi ħadd jagħmel darba biss. Minflok il-forma grammatikali turi li din hija azzjoni kontinwa. Minbarra hekk, irridu ninnutaw ukoll li din l-isfida jew kmand mhijiex intenzjonata sabiex tiftaħ xi diskussjoni fuq xi tema speċjali tal-imħabba lejn xulxin. Il-qalba ta' dak li l-awtur se jitkellem fuqu hawnhekk toħroġ mill-użu tal-kelma bil-Grieg: *hoti* li tfisser "għax" - "*għaliex* l-imħabba ġejja minn Alla." Ir-raġuni l-għala, mela, dawk li jemmnu għandhom iħobbu lil xulxin hija għaliex Alla huwa l-għejun tal-imħabba. F'kelma oħra, l-imħabba fiha nnfisha hija "ġejja minn Alla" [bil-Grieg: *ek tou theou*].

Aktar kmieni f'din l-istess Ittra, l-awtur jgħaqqad il-kmandament tal-imħabba mad-"dawl tassew"[17] u mal-"ħajja ta' dejjem."[18] Issa, iżda, l-awtur jgħaqqad dak li hu mitlub mill-imħabba nisranija man-natura ta' Alla nnifsu. Dawk li jemmnu huma mitlubin iħobbu bħala tweġiba għall-istess imħabba ta' Alla. Mela, meta fil-v.7 l-awtur jirrepeti dak li diġà kiteb fi 3,11.23 huwa kien qiegħed jenfasizza l-ubbidjenza lejn il-kmandament tal-imħabba.

Tajjeb ninnutaw ukoll li l-v.7 mhuwiex sempliċiment repetizzjoni ta' dak li diġà nkiteb fl-Ittra. Minflok hemm progress ta' ħsieb. Meta l-awtur jitkellem fuq il-bżonn tal-imħabba lejn xulxin kemm fil-v.7 kif ukoll fiż-żewġ okkażjonijiet suċċessivi f'dan l-istess test, jiġifieri, fil-vv.11 u 12, huwa kien qed jintroduċi idea ġdida billi ddeskriva





l-bażi ta' dan il-kmand. F'kelma oħra, il-kmand għal dawk li jemmnu sabiex iħobbu lil xulxin mhuwiex biss il-kmand ta' Ġesù, qadim jew ġdid,[19] jew mod kif tgħix fid-dawl.[20] Il-bażi għall-kmand tal-imħabba lejn xulxin huwa Alla nnifsu muri lilna bħala l-istess imħabba. Jekk l-imħabba ssib l-għejun tagħha f'Alla nnifsu, dan ifisser li l-imħabba tappartjeni lid-dimensjoni divina.[21]

Wara dan il-kmand, l-awtur ikompli jikteb: "u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla" (v.7b). Ninnutaw l-użu tal-kelma "kull min" [bil-Grieg: *pas*]. Din il-kelma tifforma waħda mill-karatteristiċi tal-istil ta' din l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann.[22] Hawnhekk l-awtur jipprovdi d-derivazzjoni spiritwali ta' kull min iħobb, bħalma fil-parti ta' qabel fl-istess sentenza, huwa jistqarr li l-imħabba ssib l-oriġini tagħha f'Alla.

Minn 3,18 - "Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa" - nafu li l-awtur hu ppreokupat mill-imħabba fl-azzjoni, aktar milli mill-imħabba bħala xi kunċett astratt. Din l-imħabba hija l-prova jew il-kriterju sabiex dawk li jemmnu jitnisslu/jitwieldu minn Alla u jagħrfu lil Alla.

F'punti differenti fl-Ittra diġà saret referenza għal dawk li

jemmnu bħala dawk li "huma mnisslin minnu"[23] u li "għarfu lil Alla."[24] Iżda 4,7b huwa l-uniku darba fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann fejn dawn iż-żewġ ideat jingħaqdu flimkien. L-użu tal-preżent tal-verb *"jagħraf* [bil-Grieg: *gegegnetai*] lil Alla" hawnhekk jissuġġerixxi relazzjoni ma' Alla li mhijiex biss intima iżda wkoll kontinwa.

Forsi l-aħjar mod kif nispjegaw l-espressjoni "hu mwieled minn Alla" fil-v.7b huwa billi nagħmlu referenza għar-Raba' Evanġelju fejn fil-Prologu l-awtur jenfasizza l-fatt li aħna nsiru wlied Alla mhux bit-twelid naturali iżda meta nitwieldu minn Alla: "lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla" (Ġw 1,12-13). Hekk ukoll fid-djalogu tiegħu ma' Nikodemu, Ġesù jgħidlu li jeħtieġlu jitwieled "mill-ġdid" jew "mill-għoli" (Ġw 3,3) [bil-Grieg: *anothen*]. Fl-ispjega li Ġesù jagħti ta' din il-kelma naraw illi li titwieled mill-"ġdid/għoli" jfisser li titwieled "mill-ispirtu" (v.5). Li titwieled minn Alla, mela, huwa differenti mit-twelid naturali uman. Huma dawk li jħobbu, li jistgħu jgħidu li huma tassew imwielda minn Alla.

## Alla huwa mħabba

*"Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba" (v.8).*

L-awtur issa jeħodna pass ieħor 'il quddiem fil-profondità tan-natura divina permezz tal-antitesi li ssegwi fil-v.8. Wara li huwa tkellem fuq "kull min iħobb" [bil-Grieg: *pas ho agapon*], fil-v.8 huwa joħloq kuntrast ma' "dak li ma jħobbx" [bil-Grieg: *ho me agapon*]. Din l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, fil-fatt, fiha numru ta' kuntrasti bejn kategoriji differenti ta' persuni. Hekk, per eżempju, f'2,3-5 insibu l-kuntrast bejn dawk li huma ubbidjenti u dawk li huma diżubbidjenti; f'3,10 hemm kuntrast bejn ulied Alla u wlied ix-xitan; filwaqt li f'3,11-15 insibu l-kuntrast bejn dawk li jħobbu u dawk li ma jħobbux.

Jekk is-sejħa għall-imħabba ġejja mill-fatt li l-imħabba ssib l-għejun tagħha f'Alla (4,7), bil-maqlub nistgħu ngħidu għal min ma jħobbx: din il-persuna għadha ma għarfitx lil Alla (v.8). In-nuqqas ta' mħabba huwa xhieda li l-persuna ma tafx lil Alla, għaliex Alla huwa mħabba. F'kelma oħra, għall-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, ma hemmx għarfien ta' Alla li mhuwiex muri fl-imħabba lejn xulxin.

Huwa hawn fejn din l-Ittra tippreżentalna waħda mill-akbar affermazzjonijiet fuq Alla meta minn sentenza b'implikazzjonijiet etiċi dwar il-persuna li ma tħobbx, l-awtur jgħaddi biex jagħmel stqarrija teoloġika fuq in-natura ta' Alla: "Alla hu mħabba" [bil-Grieg: *ho theos agape estin*].[25] Alla mhuwiex biss l-għejun tal-imħabba (v.7a), iżda l-imħabba fiha nfisha. Għalhekk l-asserzjoni "Alla huwa mħabba" ma tfissirx sempliċiment li l-imħabba hija waħda mill-attivitajiet divini. Minflok, l-attivitajiet kollha ta' Alla huma mħabba.[26]

Sabiex napprezzaw aktar il-profondità ta' din l-affermazzjoni teoloġika fil-v.8 tajjeb li nqisu żewġ punti. L-ewwel, l-isfond tat-Testment il-Qadim li jippreżenta lill-Mulej Alla bħala Alla ħaj, personali u attiv, aktar milli bħala Alla li hu astratt fil-karattru, bħalma naqraw fil-letteratura Griega. It-tieni, meta l-awtur qed jgħid "Alla hu mħabba" hu ma kienx qed jifhem jeskludi l-attributi l-oħra tad-divinità li naqraw dwarhom fil-paġni tal-Iskrittura, b'mod partikulari il-ġustizzja u l-verità tiegħu.[27] Il-ġustizzja ta' Alla u l-korla tiegħu huma żewġ attributi attivi fil-paġni tal-Iskrittura daqskemm hija l-imħabba tiegħu.[28]

Dawn il-karatteristiċi, iżda, ma għandhomx jitqiegħdu f'oppożizzjoni kontra xulxin bħallikieku Alla tat-Testment il-Qadim hu differenti minn dak tat-Testment il-Ġdid.

Minflok, dawn l-attributi għandhom jintrabtu flimkien man-natura ta' Alla bħala mħabba. Aktar minn hekk, meta l-awtur qed jgħid li "Alla hu mħabba," hu ma kienx qed jagħmel xi stqarrija ontoloġika, riżultat ta' riflessjoni filosofika biex biha jiddeskrivi dak li Alla hu fl-essenza tiegħu. Minflok, l-awtur, bħalma jurina fiż-żewġ versi ta' wara (vv.9-10), kien qed jitkellem fuq in-natura ta' Alla kollha mħabba murija bħala azzjoni ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha.

## Referenzi


1 Ara 2 Ġw 1,1.

2 Ara F. O. Francis, "The Form and Function of the Opening and Closing Paragraphs of James and 1 John," *Zeitschrift für die neutestamentliche Wissenschaft* no. 61 (1970): 110-126.

3 Ara K. Aland, "The Problem of Anonymity and Pseudonymity in Christian Literature of the First Two Centuries," *Journal of Theological Studies* no. 12 (1961): 39-49.

4 Ara per eżempju, 1 Ġw 1,1-4; 4,14.

5 Ara per eżempju, 1 Ġw 2,18-27; 4,1-6; 5,21.

6 Ara 1 Ġw 1,4.

7 Ara 1 Ġw 1,27.

8 Ara 1 Ġw 1,3; 5,13.

9 Ara per eżempju, 1 Ġw 2,22-23; 4,2-3.15; 5,1.5-6. Fuq min setgħu kienu dawk li l-awtur kien qed jeħodha kontrihom u x'kien it-tagħlim żbaljat tagħhom ara, Ruth B. Edwards, *The Johannine Epistles: New Testament Guides* (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1996), 57-68.

10 Fost il-Kummentarji fuq l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, insibu: Alan England Brooke, *A Critical and Exegetical Commentary on the Johannine Epistles* (Edinburgh: T&T Clark, 1912); Charles Harold Dodd, *The Johannine Epistles* (London: Hodder & Stoughton, 1946); Rudolf Schnackenburg, *The Johannine Epistles,* trans. Reginald and Ilse Fuller (New York: Crossroad, 1992); Raymond E. Brown, *The Epistles of John,* Anchor Bible no. 30 (Garden City. N.Y.: Doubleday, 2002); Stephen S. Smalley, *1,2,3 John,* Word Biblical Commentary (Waco, Texas: Word Books Publishers, 1984); John Painter, *1,2, and 3 John,* Sacra Pagina no. 18 (Collegeville/MN, The Liturgical Press, 2002); Yves Simoens, *Le tre Lettere di Giovanni, Credere per amare: Una traduzione e un'interpretazione,* trans. Margherita Simionati (Bologna: Edizione Dehoniane, 2012).

11 It-testi bibliċi kollha f'dan l-artiklu huma meħudin mill-*Il-Bibbja, il-Kotba Mqaddsa, miġjuba bil-Malti mill-ilsna oriġinali l-Lhudi u l-Grieg mill-Għaqda Biblika Maltija,* Ir-Raba' Edizzjoni, (Malta: Għaqda Biblika Maltija, 2011).

12 Fuq dan il-punt ara J.R.W. Stott, *The Epistles of John: An Introduction and Commentary. Tyndale New Testament Commentaries* (Leicester: Inter-Varsity Press, 1964), 160.

13 Ara 1 Ġw 2,7; 3,2.21; 4,1. Ara wkoll 4,11.

14 Hekk għamel l-awtur drabi oħra f'din l-istess Ittra. Ara, per eżempju, 1 Ġw 2,7; 3,2; 4,1. L-awtur tat-Tielet Ittra ta' San Ġwann juża din l-istess espressjoni erba' darbiet f'din l-Ittra qasira (vv. 1.2.5.11). Dan jindika li t-Tielet Ittra ta' San Ġwann setgħet ġiet miktuba mill-istess persuna li kitbet l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann.

15 Ara wkoll 1 Ġw 3,11.

16 Ara wkoll Ġw 15,12.17.

17 Ara 1 Ġw 2,8.10.

18 Ara 1 Ġw 3,14-15.

19 Ara 1Ġw 2,7-11; 3,23.

20 Ara 1Ġw 2,10.

21 Fuq dan l-argument ara I.H. Marshall, *The Epistles of John, New International Commentary on the New Testament* (Grand Rapids, Wm. B.: Eerdmans Publishing, 1978), 211.

22 Ara 1 Ġw 3,9.15; 5,1.

23 Ara 1 Ġw 2,29; 3,9. Ara wkoll 5,1.4.18.

24 Ara 1 Ġw 2,3-4.13-14; 3,1.6; 4,6.8.

25 F'1 Ġw 1,5 l-awtur diġà kiteb li "Alla hu dawl." Il-forma assoluta ta' din l-asserzjoni teoloġika tista' tiġi mqabbla ma' stqarrijiet simili fit-Testment il-Ġdid: "Alla hu spirtu" (Ġw 4,24); "Alla tagħna hu nar" (Lhud 12,29).

26 Dan il-ħsieb huwa żviluppat minn Stephen S. Smalley, *1,2,3, John. Word Biblical Commentary* no. 51 (Waco, Texas: Word Book Publishers, 1984), 239.

27 Ara, per eżempju, Salm 89,14; Dewt 32,4; Rum 3,21-26.

28 Ara, Is 54,8; Rev 6,12-17.

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2015




## ABBONAMENT:
€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2015

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2015

## Art Imqaddsa
20 - 28 Mejju
15 - 23 Lulju
05 - 13 Awwissu
09 - 17 Settembru

## Art Imqaddsa u Ġordanja
28 April - 8 Mejju

## Art Imqaddsa u Sinaj
03 - 13 Novembru

## Polonja
04 - 08 Lulju
22 - 26 Awwissu

## Assisi
31 Awwissu - 6 Settembru

**Ikteb jew ċempel:**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt